# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 433/2018**

**Appell numru: 434/2018**

**Appell numru: 435/2018**

Il-Pulizija

vs

**Stephen Ciangura**

**Franklyn Sghendo**

**Darren Cauchi**

***-Omissis-***

Illum 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Stephen Ciangura numru tal-karta tal-identita' 104377M, Franklyn Sghendo numru tal-karta ta'l-identita' 107289M, Darren Cauchi numru tal-karta ta'l-identita' 448889M u *Omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati talli nhar it-22 ta' Settembru, 2013 ghal habta tal-04:00am gewwa Gianpula Disco, Triq Gianpula, Zebbug Malta:

1. Kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

2. U aktar talli hebbew ghal persuna ta' Matthew Busuttil u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. S. Lenschner MD Reg. No. 5443 mill-Mater Dei.
3. U aktar talli hadem bhala agenzija ta' gwardjan privat jew bhala gwardjan privat jew offra servizzi tieghu kemm il darba ma kellux licenzja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-att.

U lil Stephen Ciangura wahdu:

> Akkuzat ukoll bhala ufficjal pubbliku, fil-kapacita tieghu bhala membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti fil-waqt li ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta, u fil-waqt li ma sabitx lill-imputati Stephen Ciangura, Franklyn Sghendo u *Omissis* hatja tat-tieni imputazzjoni u lliberathom minnha, u fil-waqt li ma sabitx lill-imputat Stephen Ciangura hati tar-raba imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Darren Cauchi hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2,000) ghat-tielet imputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni; u wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati Stephen Ciangura, Franklyn Sghendo u *Omissis* hatja tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkundannathom multa ta' elfejn Euro (€2,000) kull wiehed. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lil kull wiehed mill-imputati minn kull licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 389 ghal perjodu ta' sena

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Ciangura, minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tibdel s-sentenza appellata, b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta u tikkonfermaha wkoll fejn iddikjarat lil-appellant mhux hati tat-tieni u r-raba'

imputazzjoni, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati u tilliberah minnha, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li din l-Qorti tikkonferma l-htija ghat-tielet imputazzjoni, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Franklyn Sghendo minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tibdel s-sentenza appellata, b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta u tikkonfermaha wkoll fejn iddikjarat lil-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati u tilliberah minnha, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li din l-Qorti tikkonferma l-htija ghat-tielet imputazzjoni, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Darren Cauchi minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tibdel s-sentenza appellata, b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati u tilliberah minnhom, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li din l-Qorti tikkonferma l-htija f'xi wahda jew iz-zewg imputazzjonijiet, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji tat-tlett appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm it-tlett appellanti flimkien jigu akkuzati illi hebbew ghal persuna ta' Matthew Busuttil u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa, madanakollu huwa biss l-appellant Darren Cauchi li jigi misjub hati mill-Ewwel Qorti ghal dan ir-reat ta'l-offiza volontarja. L-appellanti kollha minn naha l-ohra jigu misjuba hatja tat-tielet imputazzjoni u cioe' illi huma hadmu bhala gwardjani privata minghajr id-debita licenzja. L-appell taghhom ghalhekk ghalkemm intavolat separatament jikkoncerna dawn l-imputazzjonijiet li dwarhom gew misjuba hatja, bl-appellant Darren Cauchi jilmenta dwar is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, filwaqt li z-zewg appellanti l-ohra jintentaw jimpunjaw s-sentenza appellata biss fejn din sabithom hatja tat-tielet imputazzjoni, billi mill-imputazzjonijiet l-ohra huma gew illiberati.

Illi l-appell intentat minn Darren Cauchi jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti dwar il-mertu tal-kaz u cioe' l-incident li inqala' gewwa l-istabbiliment Gianpula fil-hinijiet bekrin tal-ghodwa tat-22 ta' Settembru 2013 meta l-parti leza Matthew Busuttil jallega illi huwa gie aggredit mill-ufficjali tas-sigurta' addetti ma' dan il-post ta' divertiment u dan wara kollutazzjoni illi huwa kellu ma' terza persuna certu Joseph Francica aktar kmieni fit-*toilet*. Dan l-ahhar incident Busuttil ma jichdux u cioe' li huwa agredixxa lil dan Francica tant illi huwa tressaq il-Qorti akkuzat b'din l-infrazzjoni tal-ligi w ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-

konfront tieghu. Meta l-membri tas-sigurta' jigu allertati ghal dan l-incident u jsibu lil Francia ferut gewwa it-*toilet*, huma jibdew tfittxija ghall-aggressur li jigi ndikat proprju minn dan Francica hekk kif kienu qed johorguh u jehduh lejn l-ambulanza. Hawnhekk Busuttil jigi mizmum minn dawn l-ufficjali tas-sigurta' sakemm jasslu l-pulizija fuq il-post. Busuttil madanakollu jixhed u ighid illi dawn il-membri tas-sigurta' meta kienu qed irazznuh ezercitaw vjolenza fuqu tant illi hafna minnhom jibdew jaghtuh bis-sieq u bil-ponn anke meta spicca mitfuh fl-art. Fost in-nies li jaggreduh hu ighid li gharaf lill-appellant Darren Cauchi. Darren Cauchi minn naha tieghu ma jichadx illi huwa kien wiehed mill-membri tas-sigurta' li marru sabiex iwaqqfu lil Busuttil hekk kif dan kien ser jitlaq mill-istabbiliment, izda ighid li kien Busuttil li pprova jaggrediehom u huma kellhom irazznuh sakemm wasslu il-pulizija. Jichad madanakollu illi huwa f'xi hin hebb, sawwat jew ikkaguna xi griehi fuq il-persuna tal-parti leza.

Issa l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma taghtix affidament lil ebda wahda mill-verzjonijiet moghtija min nies kollha involuti f'dina l-agressjoni, inkluz ghalhekk lill-parti leza u lil Cauchi. Madanakollu minn dawn il-verzjonijiet konfliggenti setghet tislet certu fatturi determinanti u mhux inkontestati fosthom illi l-parti leza sofra griehi minn taht idejn l-ufficjali tas-sigurta' li kienu qed jippruvaw irazznuh u jzommuh milli jitlaq minn fuq il-post, u li wiehed minn dawn in-nies kien proprju l-appellant Cauchi. L-appellant jilmenta ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma setatx tasal ghal konkluzjoni illi l-griehi sofferti mill-parti leza gew ikkagunati unikament u esklussivament minnu billi kien hemm nies ohra involuti fil-kollutazzjoni u kwindi ma setax jigi identifikat min kien il-persuna jew min kienu l-persuni li kkagunaw il-griehi rappurtati minn Busuttil. Tant hu hekk, jikkontendi l-appellant Cauchi, illi l-Ewwel Qorti ma tatx affidament lil verzjoni ta' Busuttil u dik tat-tfajla tieghu meta dawn allegaw li kien Cauchi wiehed mill-persuni li xejjirlu daqqa ta' ponn. Fil-fatt filwaqt li Busuttil jikkontendi li kien l-appellant Cauchi l-ewwel wiehed li aggredieh, it-tfajla tieghu Diane Tonna tipponta subajghha lejn Stephen Ciangura.

Illi huwa minnu, kif tikkontendi l–Ewwel Qorti, illi l-evidenza migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni abbinata mal-provi li tressaq id-difiza, tipprezenta stampa piuttost konfliggenti dwar dak li verament sehh fil-jum indikat fl-akkuza. Ghalkemm cerrtu fatti huma ndubitati bhall-agressjoni fuq Francia minn taht idejn Busuttil, il-fatt illi Busuttil jipprova jitlaq u jigi mrazzan minn xi membri adetti mas-sigurta' ta'l-istabbiliment ta' Gianpula, l-fatt illi sehhet taqbida bejn Busuttil u dawn l-ufficjali li fosthom kien hemm Cauchi, madanakollu ma huwiex car min minn dawn in-nies kollha involuti kkaguna l-griehi hfief li sofra Busuttil, li uhud minnhom jibqghu injoti. Fil-fatt jidher illi l-persuna li kkagunat l-offiza jew offizi tibqa' injota jew inkella minhabba n-numru ta' nies involuti ma jistax jigi stabbilit min kien l-awtur tar-reat. Illi l-appellant ma huwiex akkuzat bir-reat tar-rissa kkontemplat fl-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali fejn il-persuni kollha involuti fil-glieda allura huma hatja tar-reat ghaliex kull wiehed minnhom jassumi r-responsabbilta' bil-partecipazzjoni volontarja f'episodju ta' vjolenza kollettiva ghal offiza jew offizi kkagjonati. Illi gie deciz:

> **"Illi r-reat tar-rissa minnu nnifsu jikkontempla sitwazzjoni fejn involuti numru ta' persuni f'argument, jista' jkun hemm persuni li jsofru offiza fuq il-persuna taghhom jekk mhux addirittura l-mewt. Dan necessarjament ifisser illi l-awtur tar-reat ikun jew injot jew inkella ma jistax jigi stabbilit b'certezza min mill-persuni involuti jkun wettaq dik l-offiza, b'dan ghalhekk illi l-legislatur hass illi f'tali cirkostanzi kull min jkun involut ihaqqu jigi penalizzat.[1]**

L-appellant, madanakollu ma jigix addebitat bil-kummissjoni ta' dan ir-reat, izda huwa akkuzat illi <u>kien hu</u> l-awtur tar-reat u cioe' l-awtur tal-offiza subita mill-vittma, haga li fil-fehma ta' din il-Qorti, kif jidher li kienet il-fehma wkoll ta'l-Ewwel Qorti, ma setax

---

Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel sive Charles Demicoli – App. Sup.02/09/2010 – 35/2007[1]

jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju ghalkemm kien indubitat li l-appellant kien wiehed mill-persuni involuti kif inghad.

Dan ifisser allura illi l-appellant Darren Cauchi ghandu ragun meta jishaq illi fl-atti ma hemm ebda prova li tista' tistabbilixxi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li huwa kien l-awtur tar-reat ta' offiza volontarja lilu addebitata u li allura il-griehi sofferti mill-parti leza gew maghmula minn taht idejh. Dan ghaliex ghalkemm din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti illi "*fil-mument li kien hiereg mill-istabbiliment Gianpula, Matthew Busuttil sofra griehi ta' natura hafifa u li dawn il-griehi gew ikkawzati fil-kollutazzjoni li kien hemm bejnu u bejn xi persuni addetti mis-sigurta' fl-istess stabbiliment*", u li "*fost dawn il-persuni addetti mis-sigurta' zgur kien hemm l-imputat Darren Cauchi*", dan ma jfissirx necessarjament li kien Cauchi li kkaguna l-griehi sofferti minn Busuttil ghaliex dan seta' kien qed izommu minn idejh biss filwaqt li gie imsawwat minn ohrajn. Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-aggravju imqanqal mill-appellant jisthoqqlu akkoljiment u ghandu jigi lliberat fuq nuqqas ta' provi determinanti li jippuntaw lejn ir-reita' ghall-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni aggravju ntentat mill-appellant Cauchi huwa wiehed kollettiv u identiku ghall-aggravju mqanqal miz-zewg appellanti l-ohra Stephen Ciangura u Franklyn Sghendo liema aggravju huwa marbut mas-sejbien ta' htija ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom li jikkontempla r-reat mahsub fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u dan meta dawn it-tlieta minn nies jigu mixlija li allegatament aggixxew bhala gwardjani privati minghajr ma kellhom id-debita licenzja. Fil-kaz ta' Darren Cauchi u Franklyn Sghendo jidher illi dawn kellhom licenzja ta' gwardjani privati, izda mhux dik specjalizzata ghal postijiet ta' divertiment. Ciangura, izda ma

ghandu ebda licenzja, izda dan jikkontendi illi xogholu huwa dak ta' *manager* mal-kumpanija tas-sigurta' ingaggjata fl-istabbiliment ta' Gianpula u li allura ma jenhtieg ebda licenzja f'dan is-sens[2].

Illi id-disposizzjoni tal-ligi pertinenti ghal dan il-kwezit ta' dritt imqanqal mill-appellanti Cauchi u Sghendo huwa dak li jipprovdi ir-regolament 11 tal-Legislazzjoni sussidjara 389.01 li jipprovdi:

> **11.(1) Gwardjan privat ma jistax jaqdi d-dmirijiet f'post ta'divertiment sakemm ma tinħariġlux il-liċenza ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment.**

Issa ghalkemm l-appellanti ma jigux akkuzati illi ma kellhomx dik il-licenzja specjali ghal post ta' divertiment, madanakollu huma gew mixlija taht id-disposizzjonijiet generali ta'l-Att li tahtu hija mahruga il-legislazzjoni sussidjarja u cioe' l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita', fejn l-artikolu 3 tieghu jenhtieg il-pussess ta' licenzja valida mahruga taht l-Att sabiex wiehed ikun jista' jagixxi bhala gwardjan privat. Mhux biss izda dan ir-regolament 11 jaghmel referenza ghall-artikolu 6(8) ta'l-Att li jispecifika illi:

> **Persuna li tixtieq tħaddem aġenzija ta' gwardjani privati għall-fini ta' provvista ta' servizzi speċjalizzati ta' gwardjani privati għandha qabel titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju. Il-Kummissarju għandu jikkunsidra jekk il-kriterji għas-servizzi ta'gwardjani privati speċjalizzati humiex sodisfatti.**

Dan ifisser illi ghalkemm l-appellanti Dennis Cauchi u Franklyn Sghendo kellhom licenzja, madanakollu sabiex din tkun konformi ma'l-Att kien jenhtieg dik l-awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija u cioe' li jkollu dik il-licenzja specjalizzata ghal post ta' divertiment haga li hija nieqsa mil-licenzja li jippossjedu.

Illi l-Qorti lanqas tista' taghti affidament ghal dak li jikkontendu l-appellanti illi dak in-nhar xogholhom ma kienx li joffru servizzi ta' gwardjani privati gewwa Gianpula u dan

---

[2] Ara xiehda ta' PC443 Vincent Mifsud u tas-Supretendent Ramon Mercieca fol.111

ghaliex filwaqt li Sghendo u Cauchi kienu lebsin uniformi u kienu qed jaghtu uhud mis-servizzi elenkati fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 389, minn naha tieghu Ciangura kien qieghed fuq il-post jissorvelja lill-ufficjali impjegati mas-socjeta tas-sigurta u li allura kien qed offri ukoll is-servizz elenkat f'dan l-artikolu tal-ligi fejn fost ohrajn il-gwardjan privat huwa dik il-persuna li jiehu hsieb "(c) il-kontroll, ir-regolamentazzjoni jew id-direzzjoni tal-moviment tal-pubbliku f'arei privati jew ristretti, sew bl-użu ta' vettura jew xort'oħra, biex tkun assigurata l-protezzjoni ta' proprjetà; (d) il-protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna; u (e) il-protezzjoni tal-proprjetà, kollha mansjonijiet li jidher li dak in-nhar tal-incident kienu risposti f'idejn dawn it-tlieta minn nies u dan kif tikkonkludi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Tant hu hekk illi meta inqala' incident fejn kien hemm il-periklu ghal persuna u/jew il-proprjeta', dawn it-tlieta minn nies lkoll issejjhu biex jaghtu l-assistenza taghhom sabiex jaraw li ma issehh ebda hsara u fil-fatt intervjenew ghal kontroll ta'l-istess. Fuq kollox dak li jikkontendi Ciangura u cioe' li huwa *manager* tas-socjeta li tiggestixxi din l-agenzija ta' sigurta' 'Executive Security Services' ma tigix minnu ppruvata sal-grad mistenni minnu kif lanqas iressaq provi li jindikaw x'inhuma l-mansjonijiet tieghu fi hdan din il-kumpanija.

Finalment fir-rigward tal-ilment imqajjem mill-appellanti marbut mal-hin indikat fl-akkuza billi jikkontendu illi kellu jigi ppruvat illi f'dak il-hin specifiku u cioe' "ghal habta tal-4:00am", huma kienu qed jiksru id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 389, dan lanqas ma jisthoqqlu akkoljiment. Jibda biex jinghad illi l-akkuza tindika hin approsimattiv. F'dan il-hin ma huwiex ikkontestat illi it-tlett appellanti kienu jinstabu gewwa l-istabbiliment ta' Gianpula ghal ragunijiet ta' xoghol u mhux ghal rekreazzjoni. Jidher illi x-xoghol minnhom ezegwiet baqa' l-istess u ma kien hemm ebda tibdil fil-*job description* taghhom matul dik is-serata jew f'dik l-ghodwa. Illi fit-tieni lok jigi ribadit ghal darb'ohra illi c-citazzjoni ghandha isservi semplicement bhala *avviso a comparire*, b'dan illi t-tlett appellanti setghu jifhmu perfettament n-natura ta'l-akkuzi lilhom addebitati u kellhom kull opportunita' ihejju id-difiza taghhom, kif ghamlu, b'mod

abbli, permezz tad-difensur taghhom. Fil-fatt huma kkontestaw l-akkuzi lilhom addebitati tant illi minn uhud minnhom huma gew illiberati. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Jifdal finalment biex jigi mistharreg l-ahhar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti u cioe' dak marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi jibda biex jinghad illi fir-rigward tal-appellant Darren Cauchi huwa ser jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kwindi ghandu jkun hemm aggustament fil-piena fil-konfront tieghu. Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-infrazzjoni mahsuba fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellanti jilmentaw illi din hija eccessiva u ghalhekk ghandha tkun wahda aktar miti u tqarreb lejn il-minimu taghha.

Illi l-Ewwel Qorti erogat il-piena ta' €2000 multa u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ordnat is-sospensjoni tal-licenzja mahruga taht il-Kapitolu 389 ghal zmien sena. Illi l-appellanti ma jressqu ebda mottiv li jista' jwassal lil din il-Qorti titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex ghalkemm jilmentaw illi din ghandha tkun wahda aktar miti u tqarreb lejn il-minimu, madanakollu ma jindikaw ebda raguni li qed iwassalhom iressqu din it-talba, raguni li certament din il-Qorti mhijiex mistennija li tfittex jew tispekula dwarha. Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali d-difensur tal-appellanti tilmenta illi l-artikolu 25(c) ta'l-Att jahseb ghal piena ferm inqas ghal principal li jimpjega mieghu persuna li ma ghandux id-debita licenzja. Dan l-ilment madanakollu ma ghandux jigi indirizzat lejn il-Qorti li ghandha tapplika dik il-piena mahsuba mil-legislatur ghaldaqstant. Kwindi gjaldarba il-piena hija wahda fil-parametri tal-ligi u dan fit-termini ta'l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu

389 u l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9, l-Qorti ma tarax li din ghandha tigi disturbata fin-nuqqas ta' mottiv li jista iwassalha taghmel dak mitlub mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell imressaq kemm minn Stephen Ciangura kif ukoll minn Franklyn Sghendo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha fir-rigward ta' dawn iz-zewg appellanti. Tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Darren Cauchi parzjalment, tghaddi ghalhekk biex tikkonfermaha fejn din iddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta, u fejn sabet lill-appellant Cauchi hati tat-tielet imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn din sabitu hati ukoll tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk tghaddi biex tilliberah mill-istess. Tvarja il-piena inflitta fuq l-appellant Darren Cauchi u thassar dik il-piena imposta fuqu ghat-tieni imputazzjoni u cioe' fejn gie applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena, u tikkonfermaha fil-bqija.

Edwina Grima
Imhallef